# XWEJJAH

Bħal dehra għaddejt, ja xwejjaħ, minn quddiemi,
b'taż-żmien it-toqol mgħawweġ u titwieżen
fuq il-ħatar illi idejk bil-kemm jifilħu
iżommu imħabba ir-rogħda illi is-snin fuqek
tefgħu. Ftit xagħar bajdani kien jgħattilek
rasek, u għajnejk fil-ħofra b'dawl inewnen
mixgħula, bħal musbieħ li sa jintefa',
li ftit ħajja baqagħlu.
Liema ġrajja
ta' dwejjaq u ta' ferħ, ta' biki u t'hena
għaddew minn fuqek! Għidli jekk tiftakar
iż-żmien ewlieni tiegħek, ta' tfulitek,
dawk il-jiem hekk imbegħda tat-trobbija,
meta ommok, b'dik il-ħlewwa u b'dik l-imħabba
li hi mill-omm biss magħrufa, ġo ħoġorha
kienet tħannek, u magħha kienet trossok
u tagħfsek ma sidirha; u f'dik ix-xrara
ta' imħabba lil ħaddejk, mitlufa tbewwes
bla ma tehda. Imbagħad, meta fiż-żogħżija
bdejt dieħel, kemm xewqat u liema tama
ma serrħetx fuqek? Liema seħer kellha
sabiex minnek imwettqa fis tarahom!!
Iżda int kbirt; sirt żagħżugħ; qalbek bl-imħabba
dlonk bdiet tixgħel u tħabbat; sakemm fl-aħħar,
għajnejk mimlija bl-hena u bin-nar qalbek
imħeġġa lemħu xbejba: u hemm is-serħ tagħhom sabu.
U hekk bqajt tgħix, imdawwar bit-trobbija
ta' uliedek, il-lum fl-hena u għada fin-niket;
sakemm biż-żmien usalt kif narak issa:
mhux aktar b'dik il-ħeffa taż-żogħżija
tmidd riġiejk, u daħqani u mimli saħħa,
mimli ferħ, tħares.
L-ebda lewn ma jħammar
lil dawk ħaddejk midbiela, kollha imkemmxa;
il-ftit xagħar li baqalek mhux sewdieni.
imma lewnu ħa il-lewn safi tal-borra;
lil ħalqek ħallew snienek; mhux bħal qrolla
jilmu xoftejk, iżda sfajrin, bla ħajja,
jirtgħodu; u dawk għajnejk, li darba kienu,
fis-snin li għaddew, mimlija dija u ħajja,
issa għal kollox intfew; mitlufa f'ħofra,
daqqa bid-dmugħ mgħottija lejn l-imgħoddi
iħarsu; u daqqa imbeżżgħa, lejn il-qabar.

Novembru 1931 — Carm. Vella.